MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2004

Numru. 33/2003

**Il-Pulizija**
**Sp Walter Spiteri**
**vs**
**John Paul Camilleri**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet maghmula kontra John Paul Camilleri ta' 20 sena iben Carmelo u Catherine nee Degabriele mwieled Hal Ghaxaq fil-21.01.1982 u resident 37 Triq San Guzepp Zejtun, ID 124682M.

Akkuzat talli fiz-Zurrieq fil-21 ta' Lulju 02, filwaqt li kien ufficcjal pubbliku, b'hekk sar hati ta' reati li kellu jissorvelja biex ma jsirux jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi bi ksur tal-artikolu 141 tal-Kap 98 tal-Ligijiet ta' Malta, billi ghamel attakk vjolenti u indecenti fuq il-persuna ta' Catherine Demicoli miz-Zurrieq, u talli ghamel

offika kontra d-decenza u l-morali f'post pubbliku jew lok espost ghall-pubbliku, bi ksur tal-artikolu 207 u art 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fl-interrogatorju a fol 5 tal-process l-istess John Paul Camilleri ghazel li jwiegeb li ma kienx hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat li fit-18-il jum tax-xahar ta' Marzu tas-sena 2003 l-Avukat Generali baghat nota ta' rinviju fl-artikoli taht liema l-istess avukat generali jahseb li tista tinstab htija u cioe htija kontra l-imsemmi John Paul Camilleri u cioe l-artikoli 141, 207, 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-4 ta' April 2003, inqraw l-artikoli ghal liema l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Ikkonsidrat illi l-fatt li wasslu ghall-kawza in dizamina kienet illi l-akkuzat pruvat bhala kuntistabbli fil-korp tal-pulizija ta' Malta u ta' dan hemm dokumenti esebiti, Dok. RK a fol 19, 20 u 21 tal-process, stazzjonat fil-purcissjoni taz-Zurrieq u dan kif jidher mid-dokument esebit bhala Dok. WS a fol 10 u 11 tal-process, fil-kors tal-qadi ta' dmiru u cioe waqt li kien qed jiehu hsieb il-marc u l-clearance tal-istess bejn il-5.00pm u s-1.00am tad-data tal-21 ta' Lulju 2002, iltaqa' ma xi hbieb tieghu u cioe ma dak li kellu jirrizulta jkun tista tghid l-instigatur ta' din il-kawza u cio certu Christopher Licari, l-gharusa tieghu, certu Catherine Demicoli u habib taghhom Robert Schembri. Irrizulta u dan hu pacifiku li dawn it-tlieta min nies meta raw lill-akkuzat waqfu jkellmuh. Irrizulta wkoll illi fil-kors ta' din il-konversazzjoni l-imputat mess sider ghal darba tnejn Catherine Demicoli.

Illi kienet din l-azzjoni li fil-fatt instigat lill-gharus ta' Catherine Demicoli u cioe Christopher Licari, jumejn wara dan l-incident jikteb lill-kumissarju tal-pulizija biex jaghmel rapport fuq dan il-kaz. Din l-ittra fil-fatt qeghda esebita a fol 12 u 13 tal-process u hija datata 23 ta' Lulju 2002. Fl-ittra insibu mnizzel hekk 'F'hin minnhom il-kuntistabbli mess sider it-tfajla tieghi. Meta staqsejtu x'inhu jaghmel

qalli b'daqshekk, x'gara? U rega messha. Jien ma hadt gost xejn b'dan u qbadna u tlaqna flok ma gejna fl-idejn mieghu.' Din l-ittra fil-fatt l-akkuzat gie investigat u mitkellem mis-Supretendent Ronald Kelly u mill-ispettur Kenneth Haber, li wkoll ddeponew f'din il-kawza. Ukoll is-Supretendent Ronald Kelly qal li hu kien baghat ghall-istess Christopher Licari li mieghu kkonferma l-ittra hawn fuq imsemmija. Semma wkoll is-Supretendent li fil-fatt fl-ittra kunjom l-allegat agressur biex wiehed isejjahlu hekk kien dak ta' John Paul Abela meta fil-fatt il-kuntistabbli li jgib in-numru 869 hu John Paul Camilleri l-akkuzat. Qal ukoll dan is-Supretendent li hu anke ha stqarrija wara d-debita twissija ta' l-akkuzat liema stqarrija giet esebita fl-atti tal-process bhala Dok. RK. Instema' wkoll ix-xhud l-Ispettur Kenneth Haber, ukoll involut fl-investigazzjonijiet ta' l-akkuzi in ezamina li jikkonferma li hu wkoll kien ra l-ittra gie esebita cioe li mibghuta minn Christopher Licari lill-kumissarju tal-pulizija. Qal ukoll li dwar l-istess ittra hu kien kellem lil Licari, lil Schembri u lit-tfajla tieghu li kkonfermaw ukoll l-allegazzjonijiet maghmula f'dik l-ittra. Kien presenti wkoll is-Sur Haber ghat-tehid tal-istess stqarrija tal-akkuzat, f'liema stqarrija skond is-Sur Haber, l-akkuzat ammetta l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tieghu. Jghid ukoll is-Sur Haber li l-mess ta' sider ta' din it-tfajla gie deskritt lilu bhala azzjoni bil-minkeb tal-pulizija u dan minn tlieta min nies u cioe Licari, Schembri u Demicoli, mentri l-akkuzat fl-istatement kien uza u ddeskriva azzjoni differenti.

Kien ghal hekk opportun li tinstema persuna allegatament aggravat u cioe Catherine Demicoli. Din fil-fatt kkonfermat li kien il-Hadd il-festa tal-Karmnu, kienet mal-gharus taghha u habib taghhom u cioe Christopher Licari u Robert Schembri rispettivament. Qalet li iltaqghu ma dan certu John Paul Camilleri ghax kien habib taghhom u bdew jitkellmu mieghu. Iddeskriviet l-incident b'dan il-mod. 'Iltqajna ma' John Paul Camilleri ghax kien habib taghhom u bdejna nitkellmu. F'daqqa wahda John Paul miss minkbu ma' sidri u jien inhsadt u l-gharus tieghi qallu x'qed taghmel u qallu b'daqsehkk u rega ghamilha, imbghad qalli hadt ghalik u tlaqna. Dan kien il-kaz.' (a fol 27). Qalet ukoll Ms. Demicoli li kienet l-ewwel darba li rat

lill-akkuzat bhala pulizija dak inhar. Tkompli biex tiddeskrivi l-incident din is-sinjorina b’dan il-mod, a fol 28 tal-process, ’Iva u ghamilha (hawn qed titkellem ghall-azzjonijiet tal-mess tas-sider) mhux ghax laqatni. Ghamilha ghax ghamel ’oi oi’ jigifieri tad-dahk. Dak il-hin ghamilha mhux ghax ried jolqotni. Ghamilha ghax ried jaghmilha. X’hin laqatni ghamel hoss.’ In kontro ezami kkonfermat li l-mess li sar, sar bil-minkeb. Ikkonfermat is-Sinjorina Demicoli li x’hin sar l-incident, ovvjament ma kienux wahedhom kif diga gie premess, l-atmosfera kienet wahda festiva, fil-fatt kienet il-festa tal-Karmnu taz-Zurrieq u fil-fatt il-kuntistabbli akkuzat kien addett biex jissalvagwardja iz-zamm tal-buon ordni f’din il-festa waqt li kien ghaddej il-marc. Tkompli din is-sinjorina a fol 29 tal-process b’dan il-mod ’hu ried kif tghid, qisu jaqbad mieghi, bil-mossa. Jien ma kontx f’mohhu ma nafx x’ried jaghmel biha ghax jien qatt ma tajtu x’jifhem xi haga biex imissli sidri jew xi haga hekk, qed tifhem.’ Tikkonferma fil-fatt in kontro ezami li dan kien qisu qed jinbixha u l-ispirtu kien wiehed cajtier.

Xehed ukoll Christopher Licari li kkonferma li hu kiteb l-ittra cioe Dok. WS1 u spjega li c-cirkostanzi li wassluh biex jaghmel tali rapport lill-Kummisarju tal-Pulizija kien li waqt li kien quddiem zewg kazini taz-Zurrieq, kienet il-festa taz-Zurrieq fil-fatti, waqaf ikellem habib tieghu u dan il-habib tieghu waqt li kienu qed jitkellmu miss sider it-tfajla ta’ Licari. Licari jghid fil-fatt li f’dak il-hin hu mhux biss talli rah, talli staqsieh x’inhu jaghmel. Testwalment fil-fatt jghid hekk, fol 34 ‘. . . ghidtlu x’int taghmel u qalli b’daqshekk u rega ghamilha ghat-tieni darba.’ Spjega x-xhud li hu ra lill-imputat imiss minkbu b’sider it-tfajla tieghu u spjega li tali azzjoni b’dan il-mod a foll 37 tal-process ’iva bhala charge pero ma nahsibx li s-sitwazzjoni kienet qisu accident, ghax darbtejn. Qisu qed imelles.’ Qal li l-gharusa tieghu fil-fatt ghall-ewwel azzjoni ingibdet ftit lura u dan mhux ghax giet imbuttata imma ghax inhasdet.

Robert Schembri, ukoll xhud okulari tal-incident ukoll tkellem dwar il-fatt li hu f’Santa Katerina fil-festa taz-Zurrieq kienu qed jitkellmu hu, Christopher Demicoli, Catherine u John Paul. Spjega l-incident b’dan il-mod li

John Paul mess b'minkbejh sider it-tfajla ta' Chris, Catherine, ghal darba darbtejn. Dak li gara a fol 42. Ikkonferma wkoll fil-fatt li wara li missha darba John Paul lil Chris qallu 'b'daqhsekk'. Jigifieri b'dan il-mod ikkonferma anke dawk il-kummenti qosra li ghaddew dwar dan l-incident bejn l-akkuzat u Christopher Licari. Ghalhekk a fol 44 jghid l-istess xhud 'Chris qallu x'inti taghmel u speci x'ghamilt u qallu b'daqshekk u rega ghamilha.'

L-akkuzat John Paul Camilleri ghazel li jirrilaxxja stqarrija moghti d-debita twissija fil-kors tal-investigazzjoni kif diga premess mis-Supretendent Kelly u mill-ispettur Haber, liema stqarrija giet esebita a foll 11 tal-process u mmarkata bhala Dok RK. F'din l-istqarrija l-istess imputat spjega l-incident b'dan il-mod 'Jien inwiegeb li missejtilha sidirha biex niccajta, mhux bl-intenzjoni li naghmlilha xi avvanzi. Chris kien fuq il-lemin tieghi u Catherine kienet quddiemi u Robert kien fuq ix-xellug. Jien kont qieghed b'minkbejja tax-xellug inserrah mal-bank. Hin minnhom jien iccajtajt ma' Chris u jien ghaddejt xi kummenti lil Chris u fl-istess hin, ma nafx b'liema id, missejtilha sidirha. Niftakar li messejt lil din Catherine. Irrid nghid li filwaqt li jien tellajt idejja lejn Catherine jien kont qed inhares lejn Chris. Jien iccajtajt ma' Catherine billi taptapt il-pala ta' idejja mal-genb ta' sider Catherine. Ghalkemm ma niftakarx ezatt, nghid li Licari kkumenta xi haga u jien naf li ghidtlu xi haga lura, filwaqt li kont ghadni qed immissha.' Ikompli jghid fl-istqarrija tieghu l-akkuzat li ma kienx hemm raguni ghala dawn, cioe Catherine, Chris u Robert kellhom ghalfejn jigdbu fuqu u dak kollu li ghamel hu ghamlu dak il-hin bi spirtu ta' cajt. Ghazel ukoll l-akkuzat, u dan hu dritt u scelta tieghu li jixhed viva voce quddiem din il-Qorti. F'din ix-xhieda hu ddeskriva l-incident b'dan il-mod. Spjega li hu meta ltaqa' ma dawn il-hbieb tieghu kien qed jirrakontalhom b'dak li ghadda mill-akkademja. Spjega wkoll li hu kien stazzjonat fil-festa u li dak il-hin kien bl-uniformi. Spjega li waqt it-tahdida ta' dawn il-hbieb li Catherine kienet ftit maqtugha barra mill-konversazzjoni u peress li ghalih ma kien qed jghidlu xejn hazin, '. . . . ghamiltilha hekk b'idi biex nolqotha sa fejn naf jien fuq spallitha biex tidhol fit-tahdida u sakemm ghadni hekk qed

nitkellem ma’ Chris u Robert u qed nghamillha hekk biex tidhol fit-tahdida. Kif ghadni hekk, Chris qalli, mela inti hekk jew xi haga simili u ghidtlu b’daqshekk fis-sens biex niccajta il-gest mhux ma naf li ghamiltilha u ma qalli xejn iktar fuq hekk u bqajna nitkellmu u ftehmna ghall-bahar ghax peress li kien is-sajf ftehmna ghall-bahar u xejn la nqala nkwiet u la ghajjat u la grif u la glied.’ (t-tieni u t-tielet pagna tax-xhieda ta’ Camilleri).

Fuq il-mod ta’ kif ghamel il-gest u b’liema parti ghamel il-gest, l-akkuzat Camilleri fil-fatti jghid li sa fejn jaf hu, laqtilha spallitha u li ma kellu ebda intenzjoni ulterjuri. Dwar il-kontenut tal-istqarrija spjega li hu tant ma kellux mohh ta’ dan l-incident, fil-fatti qal ukoll li anke kienu miftehmin biex imorru l-bahar li meta baghtu ghalih is-Supretendent Kelly u l-ispettur Haber ma kellux hsieb ta’ dak li seta’ gara. U spjega li tant baqa’ mbellah u inkontru l-fatt li kien ghadu hiereg mill-akkademja u spicca rinfaccjat bil-mistoqsijiet li sarulu mis-Supretendent u mill-Ispettur, hu baxxa rasu u kull haga li bdew jghidulu kollox beda jirrispondi, yes sir, yes sir. Dan nonostante cioe li kien jaf li kien qed jitfa’ l-gebla fuq saqajh. Fil-fatt l-akkuzat spjega hekk ‘ghax per ezempju qalli inti lqatta’ u ghidtlu yes sir, tant kemm kont imbezza’ jigifieri lanqas biss bdejt nahseb x’jien nghidlu tant kemm kont imwerwer.’ ( fis-sitt pagna tax-xhieda tieghu). Kompla fil-fatt biex jiskolpa ruhu l-akkuzat li hu l-intenzjoni tieghu kienet biss li idahhal lil Catherine fil-konversazzjoni u ried jolqotha biss fuq spallejha. U biex isostni dan ir-ragunament spjega li hu kien bl-uniformi u kien fil-pubbliku spiriti, pulizija skjerati hdejh u f’mohhu rraguna li jrid ikun mignun biex ikollu intenzjoni mod iehor f’dawk ic-cirkostanzi.

Ittella wkoll jixhed PC 841 Raymond Mallia, xhud in difiza. L-istess kuntistabbli kien ukoll addett l-istess xoghol fil-festa taz-Zurrieq bhal ma kien l-akkuzat, u ghal dan il-kuntistabbli ma gara ebda incident u ghalkemm kien tlett piedi jew xi haga hekk il-boghod mill-istess kuntistabbli wkoll hemm stazzjonat ma jiftakar li waqaf hadd ikellem lil dan il-kuntistabbli.

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti huwa fil-fatti pacifiku li dan l-incident sehh. Kienet il-festa taz-Zurrieq, l-akkuzat qua kuntistabbli kien stazzjonat ma' pulizija ohra biex jassiguraw li l-purcissjoni jew il-banda timxi sew u ma jinqalax inkwiet, anke minhabba l-fatt li hemm zewg kazini z-Zurrieq ta' zewg baned opposti. Pacifiku wkoll li mal-akkuzat iltaqghu dawn it-tlieta min-nies senjalament Licari, Demicoli u Schembri. Pacifiku wkoll ghax jammetti l-akkuzat li hin minnhom hu mess lil Catherine Demicoli. Il-konfuzjoni tinqala mhux mix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni, in kwantu dawn jaqblu kompletament mal-fatti li graw u kif graw. Tinqala l-konfuzjoni bejn dak li qal John Paul Camilleri fl-istqarrija waqt l-investigazzjoni u dak li ghazel li jghid fix-xhieda quddiem il-Qorti kif preseduta. Fil-fatt kif diga senjalat John Paul Camilleri fl-istqarrija jghid b'mod car li iva messha din it-tfajla fuq sidirha. Ghalkemm l-intenzjoni tieghu kienet dik ta' cajt, tant li kif diga gie kwotat hu jghid fl-istqarrija li ccajta ma Catherine billi taptapt il-pala ta' idejja mal-genb ta' sider Catherine. Jikkonferma wkoll li ghal din l-azzjoni Chris, cioe l-gharus ta' Catherine ghaddielu anke kumment. Ghalhekk dak li qalu kemm Catherine, kemm Chris u kemm Robert dwar il-mess u l-fatt li nghadda kumment min naha ta' Licari versu John Paul huwa pruvat. Li pero' imbghad jikkrea konfuzjoni huwa l-fatt li fix-xhieda viva voce quddiem din il-Qorti, l-akkuzat ta verzjoni differenti fejn jghid anzi li hu laqtilha spallitha u mhux sidirha. Dejjem pero' hawnhekk ghaliex ried idahhalha fil-konversazzjoni ghax hass li kienet eskluza mill-istess konversazzjoni. Din il-Qorti ma tinsab xejn konvinta bil-verzjoni li ta viva voce John Paul Camilleri. Anzi tinsab konfortata mill-fatt li l-ewwel verzjoni li ta hu fl-istqarrija hija dik iktar veritiera u tikkollabora ben sew il-verzjoni tal-fatt kif rakkontati mit-tlett xhieda Licari, Demicoli u Schembri. Ma tistax il-Qorti ma tikkummentax dwar il-fatt li forsi s-Sur Cammilleri ma ghandux proporzjon logiku ta' dak li ghandu jkun cajt. Spejcalment meta wiehed liebes uniformi tal-pulizija. Tfakkar il-Qorti lis-Sur Camilleri li dan it-tip ta' cajt jidher ikbar u aktar meta inti gejt vestit bil-piz ta' ufficjal ta' pulizija. Piz del resto li kienet ix-xewqa tas-Sur Camilleri li jaghzel li jerfa.' Allura l-ghazla li ghamel is-Sur Camilleri qua kuntistabbli tista' tirrifletta l-azzjonijiet

tieghu iktar u iktar fil-pubbliku, iktar u iktar meta hu liebes uniformi. Ma tistax il-Qorti taccetta tali cajt minn ufficjal tal-pulizija. Anke jekk il-Qorti tenut kont tal-fatt li temmen li fil-fatti John Paul Camilleri lil Catherine Demicoli missha f'sidirha, tasal biex temmen l-argument tieghu li din kienet cajta, (anke jekk hawnhekk fl-istqarrija ma hemmx qbil ma' liema parti ta' idejh mess lil din Demicoli u frankament fl-opinjoni tal-Qorti kienet tkun ghar li kieku messha bil-pala t'idu). Il-Qorti tixtieq li s-Sur Camilleri jifhem ukoll li dan mhux cajt. Huwa hasra jekk is-socjeta taghna tippermetti dan it-tip ta' cajt dirett lejn parti intima ta' persuna, hi min hi ta' liema sess hi. Dan ma hu xejn hlief liberalizmu zejjed li frankament ma jwassal ghal ebda gid ghax ma jirrispettax id-dinjita' tal-persuna.

Illi ghaldaqstant il-Qorti qed issib lil John Paul Camilleri hati tal-akkuzi taht l-artikolu 209 u 141 tal-Kapitlu 9. In kwantu l-azzjoni maghmula minn Camilleri versu Demicoli ghalkemm mhux wahda flokha, toffendi l-pudur u l-morali iktar milli tikkostitwixxi attentat vjolenti ghall-pudur. Rat il-fedina penali ta' John Paul Camilleri li hija ghal kollox netta. Tqis li piena karcerarja mhix wahda idonea. Rat l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-llum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------